# X’hemm isbaħ għalija f’ħajti minn...

*Mona Borg*

Jiena mara miżżewġa bi tlett itfal bejn it-12 u l-15-il sena li nattendu għal-laqgħat ta’ talb MIR, possibilment bħala familja, għalkemm dan ma jkunx dejjem possibbli.

Nistqarr pubblikament li minn kollox jibda jinqala’ f’dik il-ġurnata biex dan il-pjan jisfaxxa fix-xejn b’xi mod jew ieħor, u jiddispjaċini ngħid li sa ftit xhur ilu ġieli ċedejt l-armi u kien hemm darba minnhom meta spiċċajt tlaqt ‘il barra mill-Knisja qabel ma biss kienet għadha bdiet il-laqgħa ta’ talb... Però, il-Mulej tant jaf jikteb dritt fuq ir-rigi mgħawwġin!

Illum, qed nitgħallem niftaħ iżjed l-għajnejn tal-qalb tiegħi sabiex dejjem bil-grazzja t’Alla, jirnexxili nagħraf iżjed it-Triq li l-Mulej irid lili u lill-familja tiegħi ngħaddu minnha, mingħajr ma nħallu ebda persekuzzjoni tirbaħna.

Nammetti li siegħa adorazzjoni wara Quddiesa u Rużarju kont inħossha twila wisq, u kont niddistratta ruħi u nibda’ nħares lejn l-arloġġ, aktar u aktar meta xi membri tal-familja kienu jħossuhom għajjenin jew sempliċement ikunu kif ngħidu bl-Ingliz: *they had enough*! Ġesù aħfrilna!

Iżda b’dana kollu nirringrazzja ‘l Alla li, waqt il-Konsagrazzjoni tal-inbid waqt il-Quddiesa tal-laqgħa tal-MIR ta’ nhar it-22 ta’ Ottubru, 2006, li kienet saret fil-Parroċċa ta’ San Ġiljan, jiena kelli esperjenza qawwija personali li għeżżitni minn ġewwa u minn dakinhar l-adorazzjoni ħadet xejra oħra għalija. Din l-esperjenza li kellha x’taqsam mal-pjagi ta’ riġlejn Ġesù Kristu msammrin mas-Salib, ġabitni fi stat li fih irrealizzajt illi l-ħin fit-tul anke jekk għajjejt, kien ta’ opportunità għalija li b’xi mod nista’ tassew nintilef spiritwalment, imqar għal ftit ħin f’Ġesù... donnu ħassejt min jgħidli, ‘Issa li għandek ħafna ċans... ĦUDU!’ Kliem li ħassejtu jidwi ġo fija.

Veru li l-ħajja mgħaġġla wisq u li drajna ngħamlu kollox bl-għaġġla, saħansitra anke l-laqgħat personali tagħna ma’ Ġesù! Iżda fuq kollox, x’hemm isbaħ għalija f’ħajti minn ħin ta’ telfa fil-Mulej li ħalaqni u li qiegħed fil-preżent iħobbni u japprezzani u jilqagħni f’daru f’komunjoni ma’ ħuti nsara oħra, li lkoll qegħdin nitqagħbdu mal-ħajja?

Wara kollox minn siegħa adorazzjoni parti żgħira jkun il-ħin ta’ telfa fiH, aħseb u ara, sirt ngħid, jekk il-ħin ikun inqas minn siegħa! Kieku, meta tħossok se tibda’ tidħol fiha, tkun digà wasalt biex toħroġ minnha (*it-telfa spiritwali*), u nkunu qegħdin tassew nimxu kif drajna ngħixu llum - kollox suq ħa mmorru!

GRAZZI MULEJ, TĦALLINI QATT NINFIRED MINNEK!

1 ta’ Diċembru 2006